Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,277, 28 ta' Ġunju, 2024
Taqsima B

A.L. 147 tal-2024

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2024 dwar Income minn Attivitajiet Sportivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(26) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2024 dwar Income minn Attivitajiet Sportivi.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2025.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

"attività sportiva" tfisser sport rikonoxxut minn SportMalta u prattikat kompletament jew prinċipalment ġewwa Malta;

"SportMalta" tfisser il-korp imwaqqaf bħala SportMalta skont l-Att dwar l-Isports. Kap. 455.

Rata ta' taxxa.

3. (1) Individwu li jaqla' income minn impjieg taxxabbli skont l-artikolu 4(1)(b) tal-Att, li jkun jikkonsisti f'emolumenti għal servizzi li japplikaw għalihom dawn ir-regoli skont ir-regola 4 għandu, sakemm ma jagħżilx li l-income jkun taxxabbli skont ir-rati stabbiliti fis-subartikoli (1)(a) jew (1)(b) tal-artikolu 56 tal-Att, ikun intaxxat fuq dak l-income kollu bir-rata ta' sebgħa punt ħamsa ċenteżmi (€0.075) fuq kull euro tal-ammont gross tal-income li jkun hekk qala'.

(2) It-taxxa li għandha titħallas skont din ir-regola għandha tkun waħda finali u ma għandha tingħata l-ebda tpaċija jew rifużjoni lil kwalunkwe persuna fir-rigward tat-taxxa hekk imħallsa.

Servizzi applikabbli.

4. (1) Dawn ir-regoli japplikaw għal servizzi li jkunu provduti fil-kors ta' attività sportiva, jew li jkunu direttament relatati ma' attività sportiva, u li jkunu provduti fuq bażi full-time jew part-time minn individwu fil-kapaċità tiegħu ta':

(a) plejer jew atleta reġistrat;

(b) kowċ liċenzjat;

(ċ) uffiċjal tal-logħba liċenzjat;

(d) analista tal-logħba;

(e) maniġer jew diriġent sportiv ta' tim;

(f) amministratur sportiv;

(g) tabib ta' tim;

(h) fiżjoterapista ta' tim.

(2) Għall-fini ta' din ir-regola:

(a) "plejer jew atleta reġistrat" tfisser plejer jew atleta li huwa membru ta' klabb jew tim sportiv reġistrat ma' SportMalta u affiljat ma' korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikonoxxut minn SportMalta għall-istess sport partikolari;

(b) "kowċ liċenżjat" tfisser persuna reġistrata bħala kowċ ma' klabb jew tim sportiv reġistrat ma' SportMalta u affiljat ma' korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikonoxxut minn SportMalta għal dak l-isport partikolari, u liema liċenzja bħala kowċ tal-istess sport partikolari tkun rikonoxxuta mill-imsemmi korp nazzjonali;

(ċ) "uffiċjal tal-logħba liċenzjat" tfisser persuna li tkun liċenzjata bħala uffiċjal tal-logħba fi sport minn korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikkonoxxut minn SportMalta għall-istess sport partikolari;

(d) "analista tal-logħba" tfisser persuna li tkun akkreditata bħala analista tal-logħba fi sport mill-korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikkonoxxut minn SportMalta għall-istess sport partikolari;

(e) "maniġer jew diriġent sportiv ta' tim" tfisser persuna li tkun akkreditata bħala maniġer jew diriġent sportiv ta' tim sportiv minn korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikkonoxxut minn SportMalta għall-istess sport partikolari;

(f) "amministratur sportiv" tfisser persuna li tkun akkreditata bħala amministratur sportiv ta' tim sportiv minn korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikkonoxxut minn SportMalta għall-istess sport partikolari;

(g) "tabib ta' tim" tfisser uffiċjal mediku mqabbad minn klabb jew tim sportiv reġistrat ma' SportMalta u affiljat ma' korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikkonoxxut minn SportMalta għal dak l-isport partikolari sabiex jipprovdi servizzi mediċi matul attivitajiet sportivi ta' tali klabb jew tim jew b'konnessjoni mal-imsemmija attivitajiet;

(h) "fiżjoterapista ta' tim" tfisser fiżjoterapista mqabbad minn klabb jew tim sportiv reġistrat ma' SportMalta u affiljat ma' korp regolatorju nazzjonali li jkun reġistrat ma', u rikkonoxxut minn SportMalta għal dak l-isport partikolari sabiex jipprovdi servizzi ta' fiżjoterapija matul attivitajiet sportivi ta' tali klabb jew tim jew b'konnessjoni mal-imsemmija attivitajiet.